# L-ILSIERA FI ŻMIEN L-ORDNI F'MALTA (4)



JOSEPH SERRACINO



Qabel wieħed ikompli jespandi fuq dan is-suġġett tajjeb li nfakkar lill-qarrejja tagħna li l-pajjiżi tal-Afrika ta' Fuq: l-Alġerija, it-Tuneżija, il-Libja u l-Marokk fi żmien l-Ordni f'Malta kienu jagħmlu parti mill-Imperu Tork u kienu magħrufin bħala l-pajjiżi tal-Barbarija. Bl-għajnuna ta' dawn il-pajjiżi Misilmin, it-Torok kienu jibnu l-flotot tagħhom biex jaħbtu għall-flotot u jattakkaw u jassedjaw il-portijiet Insara.

L-istoriċi jgħidulna li l-aħjar priża għall-Ordni kienet tkun il-ħtif ta' xi xini Torka, u jien nimmaġina wkoll li għat-Torok kien ikun xi ġifen Nisrani. Meta l-galeri kienu jattakkaw u jaqbdu xi xini Torka, kull ma kien ikun hemm fuqha kien jaqa' f'idejn l-Ordni, mhux biss il-ġid u l-merkanzija, iżda wkoll il-membri tal-ekwipaġġ, is-suldati, l-ilsiera kif ukoll il-passiġġieri li jkunu qegħdin jivvjaġġaw fuqha.

Il-galeri tal-Ordni kienu ta' spiss ibaħħru madwar u 'l bogħod mill-gżejjer Maltin, kemm biex iħarsu x-xwieni Nsara mit-theddida tax-xwieni Misilmin li ħafna drabi kienu jersqu lejn xtutna, kif ukoll biex jassaltaw kull xini tal-għadu li jiltaqgħu magħha, l-aktar dawk li jkunu mgħobbijin b'xi tagħbijiet ta' injam jew xi merkanzija oħra.

Bosta drabi, l-Ordni kienet tkun mgħarrfa minn qabel mill-ispiji tagħha li hi kellha f'diversi portijiet, u mal-iċken ċaqliqa tal-għadu kienu jgħarrfuha mill-ewwel. Fil-ħtif ta' xwieni, l-ewwel preferenza tal-Ordni kienet tkun l-ilsiera. Fil-fatt, l-Ordni kienet tħares lejn il-qbid tal-ilsiera bħala rebħa kbira, u għalkemm f'kull okkażjoni l-Ordni kienet tistqarr li l-iskop tat-tbaħħir tal-flotta tagħha kien biex tiddefendi x-xwieni Nsara, b'danakollu kulħadd kien jaf li biex l-Ordni żżomm il-flotta tal-galeri tagħha kellha bżonn eluf ta' lsiera. Minħabba dawn il-ħtiġijiet il-galeri tal-Ordni kienu jattakkaw kull xini Misilma li kienu jiltaqgħu magħha.

## L-ISPJUNAĠĠ

Semmejt li l-Ordni kellha l-ispiji tagħha fil-portijiet kollha tal-Mediterran u saħansitra fil-pajjiżi tal-Barbarija u anke f'Kostantinopli. Aktarx li dawn kienu jkunu Taljani, Venezjani jew Franċiżi li kienu jokkupaw ċerti karigi jew kienu mdaħħlin f'xi negozju, iżda ma neħodhiex bi kbira li kienu wkoll nies tal-lokal. Fuq kollox, nafu li bil-ħila tal-flus wieħed seta' faċilment jikseb kull informazzjoni importanti, u għalhekk ukoll, jien nimmaġina li f'dawk iż-żminijiet it-tixħim kien jintuża miż-żewġ naħat.

Sintendi l-Misilmin ukoll kellhom l-ispiji tagħhom, iżda jingħad li biex tinkiseb l-informazzjoni meħtieġa fil-pajjiżi Nsara, it-Torok kienu jinqdew bl-ilsiera. Kif? It-Torok kienu jqabbdu nies imħarrġin tajjeb, iħallsuhom tajjeb u jibagħtuhom fil-pajjiżi Nsara biex jitkixfu dwar il-fortifikazzjonijiet, l-armamenti u l-movimenti tal-flotot tagħhom. Biex żgur iwettqu l-missjoni tagħhom fedelment, barra l-flus, huma kienu jiġu mwegħda pożizzjoni aħjar f'xogħolhom kif ukoll assigurazzjoni li jekk jinqabdu lsiera, ftit xhur wara jifduhom mill-jasar.

U sintendi b'dawn il-wegħdiet u xi kemmxa flus f'idejhom huma kienu jidħlu għal din il-missjoni b'ruħhom u ġisimhom, u kull informazzjoni li kienu jakkwistaw kienu jgħadduha lil persuni li jkunu jafu bihom minn qabel, aktarx baħrin fuq xi xwieni li jkunu jbaħħru ta' spiss lejn Sqallija, Livorno, Nizza jew Marsilja, fejn f'dawn il-portijiet kien ikun hemm aġenti oħra li minnufih isalpaw bl-informazzjoni miksuba lejn Turkija.

Tajjeb li wieħed ifakkar ukoll li l-Franċiżi kellhom relazzjonijiet tajbin ħafna mat-Torok u għalhekk kien hemm ħafna negozjanti Torok f'Nizza u f'Marsilja. Barra hekk ħafna sinjuri Għarab kienu ta' sikwit jiġu Malta għan-negozju, u għalhekk mhux ħaġa kbira li xi wħud minnhom, taħt il-kappa tat-taparsi negozju li jkunu se jagħmlu, kienu jkunu wkoll aġenti tat-Torok.

## REĠISTRAZZJONI TAL-ILSIERA

Għedt ukoll li l-aqwa priża għall-Ordni kienet meta kienu jinqabdu l-ilsiera godda. Il-qbid ta' dawn ilsiera kien iqanqal interess kbir fost il-kavallieri, l-aktar mill-kmandant tal-galeri għax huwa kien jaf li l-aħjar ilsiera fosthom kienu se jsibu posthom fuq il-bankijiet tal-qaddiefa. Kull ilsir kien jiġi eżaminat tajjeb u kienet issir distinzjoni bejn bniedem komuni u dak sinjur jew ikollu xi grad għoli fuq ix-xini. Għal dawn it-Torok l-Ordni kienet titlob rahan għoli biex jinfdew mill-jasar. Kienet drawwa li ma' kull qabda ta' lsiera ġodda, liż-żgħar kienu jifirduhom mill-kbar għal diversi raġunijiet.

Wara l-qbid tal-ilsiera ġodda kienet issir ir-reġistrazzjoni tagħhom, isimhom, l-età tagħhom, isem missierhom u pajjiżhom. Kien hemm każi fejn l-ilsir ma jkunx jaf isem missieru jew l-età eżatta tiegħu, u għalhekk maġenb ismu kien jitniżżlu l-marki ta' feriti jew xi mankament li jkollu. F'ċerti każi kien ikun meħtieġ ta' xi interpretu, u hawn aktarx kien jintgħażel xi bonavolja li jkun jaf tajjeb bl-Għarbi. Meta l-argużin, il-bniedem li kien jieħu ħsieb l-ilsiera fuq il-galera, jinnota li fost l-ilsiera ġodda jkun hemm xi persuna għanja u dan ma jkunx irid jikxef l-idendità tiegħu, ħafna drabi dan kien jiġi mhedded bis-swat biex juri l-idendità tiegħu.

## L-GĦAŻLA

Xi wħud mill-ilsiera li kienu jinqabdu f'xi taqbida kienu jintagħżlu bħala qaddiefa fuq il-galeri tal-Ordni, oħrajn fuq xi xogħol ieħor. Dawk l-ilsiera li jkunu diġà qaddiefa fuq ix-xini maqbuda kif ukoll kull persuna oħra tal-ekwipaġġ jew suldat Mislem li f'għajnejn l-argużin ikun tajjeb għall-qdif, ftit jiem wara kien isib postu fuq xi galera.

Mhux in-nies kollha li kienu jinqabdu fuq xi xini Misilma kienu jaqgħu fil-jasar għax jekk jistab li fosthom ikun hemm qaddiefa Nsara jew Griegi Xiżmatici, lil dawn kienu jeħilsuhom u jħalluhom imorru lura lejn pajjiżhom. Għalhekk, il-qbid ta' xini Torka kien ifisser aktar ilsiera għall-Ordni biex japplikawhom għall-ħtiġijiet u bżonnijiet tagħhom fuq l-art u l-baħar. Meta l-ilsiera fuq il-galeri kienu jimirdu, imutu jew jixjieħu, posthom kien jimtela bil-bonavolji, li xi wħud minnhom kienu jkunu Maltin b'kondotta ħażina, l-aktar dik kriminali u mill-furzati (ħabsin).

Ma' kull moqdief tal-galera, li kien twil bejn 12 u 14-il metru u jiżen madwar 60 ratal, kien ikun hemm ħames qaddiefa.

L-argużin kien jieħu ħsieb li f'ras il-moqdief kien iqiegħed il-bonavolja, maġenbu xi furzat u tliet ilsiera oħra, bl-iqsar wieħed fosthom fuq ġewwa nett. L-ilsiera Misilmin kienu preferuti fuq kulħadd! M'hemmx dubju li l-ilsiera li kienu jinqabdu fuq il-baħar kienu wisq aħjar minn dawk li jittieħdu minn fuq l-art għax ħafna minnhom kienu jkunu mħarrġin fil-qdif. L-aħjar età għall-qaddiefa kienet dik ta' bejn l-għoxrin u t-tletin sena, u kull meta kienu jinqabdu jew jinxtraw xi lsiera jew jidħlu xi lsiera għall-irkant f'Malta, il-komitu u l-argużin kienu jagħżlu lsiera żgħażagħ u b'saħħithom.

## L-ILSIERA MISILMIN

Fuq il-galera kulħadd kien meqjus l-istess. Ma kien hemm preferenzi ma' ħadd, irrispettivament jekk il-persuna hux ilsir, bonavolja, furzat jew qaddief imħallas. B'danakollu, l-ilsiera Misilmin li kienu jiġu msejħa b'numru u mhux isimhom kellhom importanza kbira f'kull attività fuq xi galera. Ħafna jimmaġinaw li peress li l-kotra tal-qaddiefa fuq il-galera kienu jkunu Torok jew Għarab, l-ordnijiet kienu jingħataw bl-Għarbi, iżda dan mhu minnu xejn għax it-tisfiriet differenti tal-komitu li huma kienu jiġu mgħallmin waqt it-taħriġ tagħhom, kienu jkunu biżżejjed biex jirregolaw r-ritmu tal-qdif tagħhom bi preċiżjoni kbira bla ħadd ma jkellem lil ħadd.

Kull ilsir kien prezzjuż għall-Ordni, tant hu hekk, li meta l-galeri kienu jattakaw xi ġifen Tork qrib l-art u s-suldati jew il-baħrin jippruvaw jaħirbu minn fuq il-ġifen billi jaqbżu l-baħar u jgħumu lejn l-art, il-kavallieri kienu jersqu lejn l-art u jinżlu jfittxuhom, anke jekk l-art tkun deżerta.

## ĠLIED FOST L-ILSIERA

Mhux l-ewwel darba li t-taħlit ta' dawn l-ilsiera ġab miegħu l-inkwiet u xi kultant inkwiet serju ħafna. L-istoriku Joseph Muscat jgħidilna li f'inkjesta li saret fid-19 ta' Jannar 1629, instab li lsir miet bi ġrieħi kbar li ġarrab fl-istonku u ġenbejh fi ġlieda fil-ħabs.

Fit-13 ta' Ottubru 1758, Ali bin Imhamma, imlaqqam Genuk, minn Tripli darab lil Ahmet bin Salem minn Tripli fi ġlieda fil-ħabs tal-ilsiera.

*Ikompli l-ġimgħa d-dieħla*